IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.7.2025
COM(2025) 553 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESSI

tal-

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-iskema tal-frott, il-ħxejjex u l-ħalib fl-iskejjel (“l-iskema għall-iskejjel tal-UE”), l-interventi settorjali, il-ħolqien ta’ settur tal-proteini, ir-rekwiżiti għall-qanneb, il-possibbiltà ta’ standards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-ġobon, l-għelejjel li fihom il-proteini u l-laħam, l-applikazzjoni ta’ dazji addizzjonali fuq l-importazzjoni, ir-regoli dwar id-disponibbiltà tal-provvisti fi żmien ta’ emerġenzi u kriżi serja u garanziji

ANNESS I

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima IV hija sostitwita b'dan li ġej:

"*PARTI IV*

Għelejjel li fihom il-proteini

Is-settur tal-għelejjel li fihom il-proteini għandu jkopri l-prodotti elenkati fit-Taqsimiet 1 u 2 ta' din il-Parti.

Taqsima 1

Ħxejjex leguminużi mnixxfin

Kodiċi NM	**Deskrizzjoni**
ex 0713	Ħxejjex leguminużi mnixxfin, imqaxxrin, kemm mingħajr qoxra ta' ġewwa u maqsumin jew le:
ex 0713 10	– Piżelli (*Pisum sativum*):
0713 10 90	– – Minbarra għaż-żrigħ
ex 0713 20 00	– Ċiċri (garbanzos), minbarra għaż-żrigħ
	– Fażola (*Vigna spp., Phaseolus spp.*):
ex 0713 31 00	– – Fażola tal-ispeċi *Vigna mungo* (L) Hepper jew *Vigna radiata* (L) Wilczek minbarra għaż-żrigħ
ex 0713 32 00	– – Fażola (Adzuki) żgħira ħamra (*Phaseolus* jew *Vigna angularis*) għaż-żrigħ
ex 0713 33	– – Fażola, inkluża fażola mill-bajda (*Phaseolus vulgaris*):
0713 33 90	– – – Oħrajn minbarra għaż-żrigħ
ex 0713 34 00	– – Fażola bambara (*Vigna subterranea* jew *Voandzeia subterranea*), minbarra għaż-żrigħ
ex 0713 35 00	– – Piżelli tal-għajn (*Vigna unguiculata*), minbarra għaż-żrigħ
ex 0713 39 00	– – Oħrajn, minbarra għaż-żrigħ
ex 0713 40 00	– Għads, minbarra għaż-żrigħ
ex 0713 50 00	– Ful (*Vicia faba var. major*) u ful tal-varjetà raffa (*Vicia faba var. equina* u *Vicia faba var. minor*), minbarra għaż-żrigħ
ex 0713 60 00	– Piżelli safra u ħamra (*Cajanus cajan*), minbarra għaż-żrigħ
ex 0713 90 00	– Oħrajn, oħrajn minbarra għaż-żrigħ
1201 90 00	Fażola tas-sojja, imkissra jew le, minbarra ż-żerriegħa
1202 41 00	Karawett, mhux inkaljat jew imsajjar mod ieħor, fil-qoxra, minbarra ż-żerriegħa
1202 42 00	Karawett, mhux inkaljat jew imsajjar, imqaxxar, kemm jekk imkisser jew le, minbarra ż-żerriegħa
ex 1209 29 45	Żerriegħa tal-ġulbiena, minbarra għaż-żrigħ
ex 1209 29 50	Żerriegħa tal-lupina, minbarra għaż-żrigħ

Taqsima 2

Għalf leguminuż

1214 10 00	– Smida u gerbub tan-nifel (alfalfa)

ex 1214 90 90	– Nifel, sainfoin, xnien, lupini, ġulbiena, lotus tal-għasel, piżelli chickling, għantqux u prodotti tal-għalf leguminużi oħrajn

(b) fil-Parti VIII, jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

"1204 00 90 Kittien, imkisser jew le, minbarra għaż-żrigħ

1207 99 91 Żerriegħa tal-qanneb, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ

ex 1211 90 86 Partijiet oħra tal-pjanta tal-qanneb";

(c) fil-Parti XXIV, it-Taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(a) ir-ringieli inklużi fl-intestatura ex 0713 jitħassru;

(b) ir-ringieli li jikkonċernaw il-kodiċi NM 1201 90 00, 1202 41 00 u 1202 42 00 jitħassru;

(c) ir-ringieli inklużi fl-intestatura ex 1214 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"ex 1214 Swedes, mangoldi, għeruq għall-għalf, ħuxlief, kaboċċi għall-magħlef, u prodotti simili tal-għalf, f'forma ta' gerbub jew le:

ex 1214 90 – Oħrajn:

1214 90 10 – – Mangoldi, swedes u għeruq oħrajn għall-għalf

ex 1214 90 90 – – Oħrajn, minbarra għalf leguminuż";

(d) ir-ringieli li jikkonċernaw il-kodiċijiet NM

1204 00 90 u

1207 99 91 jitħassru;

(e) id-deskrizzjoni fl-entrata dwar l-intestatura ex 1211 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Pjanti u partijiet ta' pjanti (inklużi żerriegħa u frott) ta' tip użat primarjament fil-fwejjaħ, fl-ispiżerija jew għal skopijiet insettiċidali, fungiċidali jew simili, friski jew imnixxfin, kemm jekk maqtugħin, imfarrkin jew magħmula trab, minbarra l-prodotti elenkati taħt il-kodiċi NM ex 1211 90 86 fil-Parti VIII u IX;";

(f) id-deskrizzjoni fl-entrata li tikkonċerna l-intestaturi ex 2309 90 91 sa 2309 90 96 hija sostitwita b'dan li ġej:

"– – – Minbarra dak li fih il-lamtu, il-glukożju, il-ġulepp tal-glukożju, il-maltodestrina jew il-ġulepp tal-maltodestrina tas-subintestaturi 1702 30 50, 1702 30 90, 1702 40 90, 1702 90 50 u 2106 90 55 jew il-prodotti mill-ħalib";

(2) fl-Anness II, il-Parti II, it-Taqsima A, il-punti 5 u 6 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"5. "Kuntratt ta' konsenja" tfisser kuntratt konklużbejn bejjiegħ u impriża għall-konsenja ta' pitravi jew kannamieli għall-manifattura taz-zokkor.

6. "Ftehim fi ħdan il-kummerċ" tfisser wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ftehim konklużbejn il-konklużjoni ta' kwalunkwe kuntratt ta' konsenja bejn impriżi jew organizzazzjoni ta' impriżi rikonoxxuti mill-Istat Membru

kkonċernat, jew grupp ta' tali organizzazzjonijiet ta' impriżi minn naħa, u assoċjazzjoni ta' bejjiegħa tal-pitravi jew il-kannamieli rikonoxxuta mill-Istat Membru kkonċernat jew grupp ta' tali organizzazzjonijiet ta' bejjiegħa min-naħa l-oħra;

(b) fin-nuqqas ta' kwalunkwe ftehim kif imsemmi fil-punt (a), il-liġi dwar il-kumpaniji u l-liġi dwar il-kooperattivi, safejn dawn jirregolaw il-konsenja tal-pitravi taz-zokkor u l-kannamieli mill-azzjonisti jew mill-membri ta' kumpanija jew ta' kooperattiva li timmanifattura z-zokkor.";

(3) fl-Anness IV, il-Parti B, it-Taqsima IV, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kontenut ta' laħam dgħif għandu jkun valutat permezz ta' metodi ta' gradazzjoni awtorizzati mill-Istati Membri. Jistgħu jkunu awtorizzati biss metodi ta' valutazzjoni ppruvati statistikament ibbażati fuq il-qies fiżiku ta' wieħed jew aktar mill-partijiet anatomiċi tal-karkassa tal-majjal. Awtorizzazzjoni għall-metodi ta' gradazzjoni għandha tkun soġġetta għal konformità ma' tolleranza massima għal errur statistiku fil-valutazzjoni.";

(4) fl-Anness VII, tiddaħħal l-Parti li ġejja:

"*PARTI Iaa*

Denominazzjonijiet ta' laħam u prodotti tal-laħam

1. "Laħam" tfisser esklużivament il-partijiet li jittieklu ta' annimal.

2. Għall-finijiet ta' din il-Parti, "prodotti tal-laħam" tfisser prodotti miksuba esklużivament mil-laħam, bil-fehim li sustanzi neċessarji għall-manifattura tagħhom jistgħu jiġu miżjuda, dment li dawk is-sustanzi ma jintużawx sabiex jissostitwixxu, għalkollox jew parzjalment, kwalunkwe kostitwent tal-laħam.

3. L-ismijiet li ġejjin għandhom jiġu riżervati għal prodotti derivati esklużivament mil-laħam fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni:

(a) Ċanga;

(b) Vitella;

(c) Majjal;

(d) Pollam;

(e) Tiġieġ;

(f) Dundjan;

(g) Papra;

(h) Wiżża;

(i) Ħaruf;

(j) Muntun;

(k) Ovini;

(l) Mogħoż;

(m) Parti t'isfel tal-koxxa;

(n) Laħam tari tal-ġenb;

(o) Sirloin;

(p) Falda;

(q) Flett;

(r) Kustilji;

(s) Spalla;

(t) Sieq;

(u) Qatgħa;

(v) Ġewnaħ;

(w) Sider;

(x) Koxxa;

(y) Sidra;

(z) Ribeye;

(aa) Għadma T;

(bb) Vagant;

(cc) Bacon.

4. It-terminu "laħam" u d-denominazzjonijiet elenkati fil-punt 3 jistgħu jintużaw ukoll flimkien ma' kelma jew kliem għad-denominazzjoni ta' prodotti komposti li l-ebda parti minnhom ma tieħu jew tkun intiża sabiex tieħu l-post ta' kwalunkwe kostitwent tal-laħam u li l-laħam ikun parti essenzjali minnhom f'termini ta' kwantità jew għall-karatterizzazzjoni tal-prodott.";

(5) l-Anness X huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu tal-Anness huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**TERMINI TAX-XIRI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 125(3)**";

(b) wara t-titolu, jiddaħħal it-titolu li ġej tal-Parti I:

"PARTI I

Termini tax-xiri għall-pitravi";

(c) fil-punt VIII, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-kuntratti ta' konsenja għandhom jipprevedu li l-polpa miksuba mill-kwantità sħiħa ta' pitravi kkonsenjata għandha titqies bħala l-proprjetà tal-bejjiegħ tal-pitravi u għandhom jirrikjedu li l-impriżi taz-zokkor jagħmlu waħda jew aktar minn dawn li ġejjin fir-rigward ta' dik il-polpa:

(a) iroddu lura l-polpa kollha jew parti minnha, friska, mingħajr ħlas, lill-bejjiegħ tal-polpa, kif toħroġ mill-fabbrika;

(b) iroddu lura parti minn dik il-polpa, ippressata, imnixxfa, jew imnixxfa u melassata, mingħajr ħlas lill-bejjiegħ, kif toħroġ mill-fabbrika. F'dan il-każ, il-parti tal-polpa li trid tinżamm mill-impriża taz-zokkor, mingħajr ħlas, għandha tkun stipulata fil-kuntratt tal-konsenja;

(c) iroddu lura l-polpa kollha jew parti minnha, ippressata jew imnixxfa, lill-bejjiegħ tal-pitravi, kif toħroġ mill-fabbrika. F'dan il-każ, l-ammont tal-polpa li jrid jintrodd lura lill-bejjiegħ tal-pitravi u l-kostijiet tal-ippressar jew tat-tnixxif li jridu jitħallsu mill-bejjiegħ tal-pitravi lill-impriża taz-zokkor għandhom jiġu stipulati fil-kuntratt tal-konsenja;

(d) iżommu l-polpa kollha jew parti minnha. F'dan il-każ, l-ammont tal-polpa li jrid jinżamm mill-impriża taz-zokkor u l-prezz jew il-metodu ta' kalkolu għall-valur tal-polpa li jrid jitħallas mill-impriża taz-zokkor lill-bejjiegħ tal-pitravi għandhom jiġu stipulati fil-kuntratt tal-konsenja. Il-prezz jew il-metodu tal-kalkolu għall-valur tal-polpa għandu jkun ibbażat fuq il-possibbiltajiet tal- bejgħ tal-polpa kkonċernata;";

(d) tiżdied il-Parti li ġejja:

"*PARTI II*

Termini tax-xiri għall-kannamieli

It-termini tax-xiri għall-pitravi stabbiliti fil-Parti I japplikaw *mutatis mutandis* għaz-zokkor tal-kannamieli.".

ANNESS II

"ANNESS Ia

LISTA TA' PRODOTTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 30(1)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
ex 0101	Żwiemel, ħmir, bgħula u bgħula tal-irkib ħajjin:
	– Żwiemel
0101 21 00	– – Annimali ta' razza pura għat-tgħammir*
0101 29	– – Oħrajn:
0101 29 10	– – – Għall-qatla
0101 29 90	– – – Oħrajn
0101 30 00	– Ħmir
0101 90 00	– Oħrajn
ex 0103	Majjali ħajjin:
0103 10 00	– Annimali ta' razza pura għat-tgħammir**
ex 0106	Annimali ħajjin oħra:
0106 14 10	– Fniek domestiċi
ex 0106 19 00	– – Oħrajn: renni u ċriev
0106 33 00	– – Ngħam; emu (*Dromaius novaehollandiae*)
0106 39 10	– – – Ħamiem
0106 39 80	– – – Tjur oħra
ex 0205 00	Laħam taż-żwiemel, frisk, imkessaħ jew iffriżat
ex 0208	Laħam u ġewwieni tajjeb għall-ikel oħrajn, friski, imkessħa jew iffriżati:
ex 0208 10 10	– – Laħam tal-fniek domestiċi
ex 0208 90 10	– – Laħam tal-ħamiem domestiku
ex 0208 90 30	– – Laħam tas-selvaġġina, minbarra fniek jew liebri
ex 0208 90 60	– – Laħam tar-renni
ex 0407	Bajd tat-tjur, bil-qoxra, frisk, ippreservat jew imsajjar:
0407 19 90	– Fertilizzat, minbarra tal-pollam
0407 29 90	– Bajd frisk ieħor, minbarra tal-pollam
0407 90 90	– Bajd ieħor, minbarra tal-pollam
0701	Patata, friska jew imkessħa

1203 00 00	Kopra
1205 10 90	Żerriegħa tal-lift jew tal-kolza b'livell ta' aċtu eruċiku baxx, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ
1205 90 00	Żerriegħa tal-lift jew tal-kolza oħra, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ
1206 00 91	Żerriegħa tal-ġirasol, imqaxxra; f'qoxra rrigata griż bl-abjad, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ
1206 00 99	Żerriegħa oħra tal-ġirasol, imkissra jew le, minbarra għaż-żrigħ
1207 29 00	Żerriegħa tal-qoton, imkissra jew le, minbarra għaż-żriegħ
1207 40 90	Żerriegħa tal-ġulġlien, imkissra jew le, minbarra għaż-żriegħ
1207 50 90	Żerriegħa tal-mustarda, imkissra jew le, minbarra għaż-żriegħ
1207 60 00	– Żerriegħa tal-għosfor (*Carthamus tinctorius*)
1207 91 90	Żerriegħa tal-peprin, imkissra jew le, minbarra għaż-żriegħ
ex 1207 99 96	Żrieragħ u frott żejtnin oħrajn, imkissra jew le, minbarra għaż-żriegħ
ex 1211	Pjanti u partijiet ta' pjanti (inklużi żerriegħa u frott) ta' tip użat primarjament fil-fwejjaħ, fil-farmaċija jew għal skopijiet insettiċidali, fungiċidali jew simili, friski jew imnixxfin, kemm jekk maqtugħin, imfarrkin jew magħmula trab, minbarra l-prodotti elenkati taħt il-kodiċi NM ex 1211 90 86 fil-Partijiet VIII u IX
1212 94 00	Għeruq taċ-ċikwejra
ex 1214	Swedes, mangoldi, għeruq għall-għalf, ħuxlief, kaboċċi għall-magħlef, u prodotti simili tal-għalf, kemm jekk f'forma ta' gerbub jew le:
ex 1214 90	– Oħrajn:
1214 90 10	– – Mangoldi, swedes u għeruq għall-għalf oħrajn
ex 1214 90 90	– – Oħrajn, għajr l-għalf leguminuż
ex 2206	Xorb ieħor iffermentat (pereżempju, sidru, perry, mead); taħlit ta' xorb iffermentat u taħlit ta' xorb iffermentat u xorb mhux alkoħoliku, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:
ex 2206 00 31 sa ex 2206 00 89	– Xorb iffermentat għajr il-piquette
5201	Qoton, mhux mimxut jew imqardex

* Entrata taħt din is-sottointestatura hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet relevanti tal-Unjoni (ara ir-Regolament (UE) 2016/1012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-kondizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għat-tnissil, kummerċ u dħul fl-Unjoni ta' annimali ta' razza pura għat-tnissil, ħnieżer tat-tnissil ibridi u tal-prodotti ġerminali tagħhom u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 652/2014, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE u 90/425/KEE u jħassar ċerti atti fil-qasam tat-tnissil tal-annimali ("ir-Regolament dwar it-Tnissil tal-Annimali") (ĠU L 59, 3.3.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/262/oj) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-

Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (Regolament dwar il-Passaport Ekwin) (ĠU L 171, 29.6.2016, p. 66, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1012/oj).

** Ir-Regolament (UE) 2016/1012."